# KONT JIEN STESS!

*Novella ta' PAWLU CACHIA*

L-aħħar nitfa dawl tal-jum kienet qed tintefa wara l-bini għoli. Id-dlam kien riesaq ġmielu. In-nifs ta' dak il-jum kien qed jinstema' f'ħurħara twila. It-toroq baħħ. Anqas ħoss ta' karrozza ma kien jinstema'. Kullimkien waħx.

Wara xi kwarta . . . għoxrin minuta, id-dawl kien għab għal kollox. Id-dlam kien rikeb is-sema msaħħab u kien mgħannaq f'saltna waħda mal-ħemda. Fit-toroq kollox kien ibeżża'. Il-lampa nzertat maqtugħa wkoll u l-ftit dawl tat-triq kien dak li wasal mit-toroq l-oħra li ma kienx biżżejjed biex jegħleb dik il-kruha kollha.

Dik il-lejla, jien kont għadni fuq saqajja. Il-għeja tal-jum, dak in-nhar ma għamlitx bija. Kont għadni qed inħossni qisni mhux jien. Id-dawl f'kamarti kien għadu mixgħul. In-ngħas kien għadu ma għelibnix u jien bqajt naqra u nqalleb fil-ktieb li kelli f'idejja.

Kif kont mitluf fil-qari, leħen minn barra t-triq ħasadni; qatagħni minn ġewwa. Ġismi qajjimhuli xewk xewk. Il-leħen kien beżgħan. Xi ħadd donnu kien qed jitlob l-għajnuna. Jien ġejt bejn ħaltejn x'se naqbad nagħmel. Dell ta' biża' waqa' fuqi. Imma għamilt il-ħila miegħi nnifsi, qomt minn bil-qiegħda, ħarist minn wara l-ħġieġ . . . għarrixt fid-dlam. Għall-ewwel ma rajt xejn. Iżda tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-bieb tad-dar tagħna rajt raġel maħfun minn ċorma rġiel. Ma stajtx nara jekk kienx żagħżugħ jew inkella mdaħħal fiż-żmien; għax bilkemm kont rajt x'qed jiġri. L-imsejken raġel kien donnu waqa' f'idejn l-għedewwa tiegħu. Ma riedu jħalluh b'xejn. X'għamlilhom? U biex ħa jħallsuh issa? U dawk x'nies kienu? Kont qed nara sewwa jew kont qed noħlom imqajjem? Fid-dlam ma stajtx nara sewwa. Imma b'xorti tajba leħħet berqa u oħra u oħra, u stajt naqbad tarf sewwa ta' dik il-kobba mħabbla. Kienu nies imgħammdin minn fuq s'isfel fl-ixkejjer. Jien tbikkimt. Riġlejja bdew jirtogħdu. Ma għaraftx x'naqbad nagħmel. Tgħid ngħajjat biex forsi nħarrab lil dawk li għalija dak il-ħin dehru qtajja' ta' barra minn hawn? X'se nagħmel?

Jien bqajt inħares għal ħin twil, u sadattant dak ir-raġel baqa' jitlob il-ħniena; għalkemm kont ċert li kien mitluf minn sensih. Imma x'riedu minnu dawk l-irġiel? U wara kollox, min kienu? Tħassibt. Min kienu? U għaliex kienu jidhru lebsin f'dik is-sura? Xi għakkux żgur kien hemm fin-nofs. U dak l-imsejken min kien?

Mitluf f'dawn il-ħsibijiet li kienu għoddhom ħaduli rasi, smajt l-arloġġ idoqq it-tokki ta' nofs il-lejl. Saqajja kont inħosshom ma jifilħunix. Għajnejja werriċthom bil-ħars. Imbagħad bdejt indur mal-

kamra nħokk rasi u mifxul għall-aħħar. X'se nagħmel? Tgħid inqajjem lil tad-dar u nurihom x'kien qed jiġri barra? Bżajt li jidħku bija u jgħiduli li qed nhewden. Imma dak li kont qed nara ma kienx thewdin . . . ħolm . . . stħajjil. Kien is-sewwa; kienet xi ħaġa li qed issir tabilħaqq, għalkemm ħwejjeġ bħal dawn lanqas f'mitt sena ma jiġru. Min-naħa l-oħra, ma ridtx inwerwirhom. Għalhekk wara li domt għomor intella' u nniżżel — għax bżajt minn xi seħer — mort għattelefon. Ċempilt lill-pulizija biex tara kollox hi. Għamilt kollox f'għamża ta' għajn, bla ħoss u fid-dlam biex ma nqajjem lil ħadd.

Malli kellimt lill-pulizija ma seta' jifhem xejn minn dak li għarraftu. "Mela ejja int ħalli tara b'għajnejk", għedtlu fl-aħħar meta ntbaht li kien sa jeħodni bid-daqquqa. "Titlifx żmien, għax hemm ilħajja ta' bniedem fin-nofs: fit-triq ta' wara l-knisja. Tiġix waħdek għax qegħdin kotra ġmielha."

Sabbatt it-telefon b'rabja għax rajt li ħadni biċ-ċajt u rġajt mort wara t-tieqa u b'għaġeb tiegħi, id-dehra ma tbiddlitx. Kulħadd donnu kien fi ħmar il-lejl. Ħadd ma kien jidher jitħarrek, qishom statwi talmelħ. Ir-raġel biss kien jiċċaqlaq għax f'ħin minnhom intelaq għal mejjet fuq spalla ta' wieħed minn dawk il-mniegħel, għax hekk irrid ngħidilhom lil dawk li kienu mkeffna fl-ixkejjer.

Xtaqt niswa ta' nitfa ġid għal dak l-imsejken raġel. X'għamilt? Ħabbatt mal-ħġieġ tat-tieqa, xgħelt it-'torch' li kelli fuq l-iskrivanija li nżommha għal meta xi darba jinqata' d-dawl u tfajtha għal fuqhom. Kienet twassal tajjeb. Kif ġie d-dawl f'wiċċhom x'uħud dawru wiċċhom għan-naħa tiegħi. Imma ma raw xejn; għax id-dawl dgħajjef kien biżżejjed biex igħammxilhom għajnejhom.

Meta ntebhu li xi ħadd kien qed igħassilhom, ṭahom ferħ ta' ġenn. Donnhom raw ix-xjaten, u lebbtu b'kemm jiġru. Dak li kien qed iżomm lir-raġel telqu ma' l-art u l-imsejken ħa sabta ma' l-art, li jien ħassejtha wkoll f'ġismi, u baqa' tal-kolp. Ieħor xejjer idejh fl-għoli u reġgħu daru lura. F'kemm wieħed igħid 'ajma' telqu jiġru donnhom kienu miftehmin. Il-ħaqq kien laħaqhom! Tliet pulizija kienu waslu fil-ħin. Mela issa, fraħt bejni u bejn ruħi, se jieħdu li ħaqqhom.

Il-pulizija bil-lembubi f'idejhom ma tawhomx nifs, għalkemm filbidu nfixlu x'se jaqbdu jagħmlu; l-għaliex, naħseb, ma stennewx dehra bħal dik. Il-pulizija baqgħu jiġru wara dawk l-irġiel. L-irġiel baqgħu jiġru b'ħafna ċekċik li ħassibni x'seta' kien. Iż-żewġ tajfiet baqgħu jiġru bħal wieħed dell ta' l-ieħor. Iżda l-irġiel ta' l-ixkejjer bdew inaqqsu. Il-pulizija baqgħu jiġru, laħquhom u ma naqsux li jħalluhom b'xejn, għax bdew iballtu fuqhom bla ħniena kif ġie ġie. Lanqas karba ma ħarġet minn fommhom. Lanqas għelm ta' wġigħ jew kliem heddiedi. Hawnhekk il-pulizija tħassbu bis-sħiħ. Min jaf

allura x'kienu dawk? Għalhekk il-pulizija ħatfu tnejn minnhom u bi tregħida tawhom is-salt biex joftqu dik l-ixkora minn fuq rashom. Il-bqija ta' l-irġiel għebu għal kollox. Kif ċarrtu l-ixkora taż-żewġt irġiel, id-dehra ta' bniedem inħbiet minn quddiem għajnejhom u gozz għadam tal-mejtin waqa' ma' saqajhom. Tistgħu taħsbu x'baqa' fihom dawk il-pulizija li miblugħin u mkexkxin bil-biża' ħarbu jiġru f'kemm ilna ngħidu.

It-'torch' baqgħet taqdini tajjeb u għalhekk meta rajt dan kollu, xejn inqas minnhom ma nblajt fija nnifsi. Dik id-dehra xejn mistennija kessħitli demmi u bqajt xi kwarta skantat. Iżda fl-aħħar maħkum mill-biża' tfajt ħarsa ħafifa fuq dak l-imsejken li kien għadu mitfugħ ma' l-art, imbagħad fuq dak il-gods għadam li ġrejt lejn is-sodda, tfejt id-dawl, dħalt fil-friex, tfajt il-gverta fuq wiċċi u rqadt, noħlom u nhewden fuq dik il-biċċa li kont għadni kemm rajt.

L-għada filgħodu, kif qomt, ilbist minnufih u ġrejt 'il barra. Dak l-imsejken kien għadu fl-art imbenġel u mimli demm. Imma lanqas sinjal ta' għadam ma kien jidher. X'sar minnu? Ġabru xi ħadd? Kif jista' jkun? Allura dak l-imsejken, ħadd ma ġietu ħniena minnu?

Jien ersaqt qrib dak ir-raġel. Tbaxxejt u dawwartlu wiċċu għan-naħa tiegħi biex narah sewwa. Dak il-wiċċ ma kienx ġdid għalija. Qgħadt naħseb għal ftit. Dak nafu. Daż-żgur li nafu . . . . u nafu tajjeb. KONT JIENA STESS!

Meta għaraft li dak l-imsejken kien jiena stess, nisma' taħbita fuq il-bieb ta' kamarti; għorokt tnejn għajnejja għal waqt ċkejken, imbagħad smajt leħen ommi jsejjaħli, "Qum, Pawl, ħa tilħaq tas-sebgħa. Ġbidtha ġmielek illum!" qaltli waqt li resqet qrib is-sodda.

"Għall-erwieħ!" tnehidt qisni qomt minn xi raqda twila wara li qlajt xebgħa kif imiss.

"Xi ġralek? Ħlomt xi ħolma kerha jew?!" staqsietni ommi.

"Eh, kieku taf, ma."

"Bil-ħaqq, galantom, dal-lejl ħallejt id-dawl jixgħel. Tas-soltu, bqajt taqra fis-sodda u rqadt bil-ktieb f'idejk," qaltli ommi bla ma tatni nifs inwieġeb. U bla ma erġajt tniffist, qomt sparat mis-sodda: għax is-sebgħa nieqes kwart kienu qed idoqqu.

(12. viii. 67).